

31992R3125

30.10.1992

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 313/3

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 3125/92

tas-26 ta' Ottubru 1992

fuq l-arranġamenti applikabbli għall-importazzjoni ġewwa l-Komunità ta' prodotti tal-laħam tan-nagħa u laħam tal-mogħoż li joriġinaw fil-Bosnia-Herzegovina, il-Kroazja, l-Islowenja, il-Montenegro, is-Serbja u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Artikolu 1

Billi l-amministrazzjoni normali u bilanċjata tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' l-ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federali Soċjalista tal-Jugoslavja fuq il-kummerċ fis-settur tal-laħam tan-nagħa u laħam tal-mogħoż⁽¹⁾, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1981 minn hawn 'il quddiem msejjaħ bħala "Ftehim ta' l-1981", kif aġġustat fil-Ftehim 1990⁽²⁾ li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1989, wriet li hija impossibbli minħabba l-bidliet li seħħew sa mill-1991 f'dik ir-Repubblika; billi l-ħolqien ta' Repubbliki ġodda, li wħud minnhom huma rikonoxxuti mill-Komunità, welled ċirkostanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw bidla fil-kondizzjonijiet li taħtom huwa amministrat il-Ftehim ta' l-1981;

L-amministrazzjoni ta' l-arranġamenti ta' l-importazzjoni preskritti fil-punti 9 u 10 tal-Ftehim ta' l-1981 bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federali Soċjalista tal-Jugoslavja fuq Kummerċ fis-settur tal-laħam tan-nagħa u l-laħam tal-mogħoż u fil-punti 2 u 3 tal-Ftehim ta' l-Aġġustament ta' l-1990 hija b'dan sospiża u mibdula b'arranġamenti preskritti fir-Regolament.

Billi, biex ikun evitat, fil-każ ta' ċerti Repubbliki ġodda, tħarbit fin-nisġa tal-kummerċ li tradizzjonalment eżistiet taħt il-Ftehim ta' l-1981, ikun xieraq, waqt li tinżamm is-sustanza tal-Ftehim, li tkun sospiża s-sistema ta' l-amministrazzjoni tagħha u jkun provdut, fuq bażi temporanja, għall-amministrazzjoni esklussiva ta' l-arranġamenti miftehma mill-Komunità; billi minn dan il-lat il-ħruġ ta' liċenza ta' importazzjoni m'għandiex tkun aktar kondizzjonata fuq l-għoti ta' liċenza ta' esportazzjoni Jugoslava u għandhom jittieħdu passi biex tkun żgurata d-distribuzzjoni ġusta tal-kwantitajiet miftehma fost id-diversi Repubbliki;

Artikolu 2

Billi, biex tkun żgurata d-distribuzzjoni ġusta ta' l-importazzjonijiet fost ir-Repubbliki in kwistjoni, għandhom ikunu preskritti regoli għall-verifika ta' l-oriġini tal-prodotti importati;

1. Biex tħares il-Ftehim ta' l-1981 u partikolarment il-kwantitajiet speċifikati hemmhekk, l-importazzjoni ta' kull prodott speċifikat fl-imsemmi Ftehim għandha tkun kondizzjonata għas-sottomissjoni ta' liċenza ta' importazzjoni kif provdut fl-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3013/89 tal-25 ta' Settembru 1989 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tan-nagħa u l-laħam tal-mogħoż⁽³⁾. Il-ħruġ ta' din il-liċenza għandha tkun kondizzjonata fuq l-għoti ta' garanzija bħala malleverija li l-importazzjoni ssir matul il-perjodu tal-validità tal-liċenzja. Il-garanzija għandha tintilef kollha jew f'parti jekk l-operazzjoni ma ssirx, jew issir parzjalment, f'dak it-terminu.

Billi dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1432/92 ta' l-1 ta' Ġunju 1992 li jipprojbixxi l-kummerċ bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubbliki tas-Serbja u l-Montenegro⁽⁴⁾;

2. Applikazzjonijiet għal-liċenzja ta' importazzjoni għandha tkun akkumpanjata b'dokument li jsemmi r-Repubblika fejn il-prodotti konċernati joriġinaw.

Billi dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 fuq problemi ta' spezzjoni tas-saħħa u veterinarja ma' l-importazzjoni ta' annimali bovini, ovis u kaprini u suwini, laħam frisk jew prodotti tal-laħam minn pajjiżi terzi⁽⁵⁾,

3. Meta jinħarġu l-liċenzi ta' importazzjoni għall-prodotti msemmija fil-Ftehim ta' l-1981, għandu jkun żgurat li jkun hemm distribuzzjoni ġusta tal-liċenzi bejn id-diversi Repubbliki, u għandha tingħata attenzjoni partikolari għad-distribuzzjoni tal-produzzjoni fost dawk ir-Repubbliki.

⁽¹⁾ ĠU L 137, 23.5.1981, p. 29.

⁽²⁾ ĠU L 95, 12.4.1990, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 151, 3.6.1992, p. 4.

⁽⁴⁾ ĠU L 302, 31.12.1992, p. 28, kif l-aħħar emendat bid-Direttiva 89/227/KEE (ĠU L 93, 6.4.1989, p. 25).

⁽⁵⁾ ĠU L 289, 7.10.1989, p. 1. L-aħħar emendat bir-Regolamenti (KEE) Nru 2069/92 (ĠU L 215, 30.7.1992, p. 59).

4. Sakemm tibqa' fis-seħħ il-projbizzjoni introdotta bir-Regolament (KEE) Nru 1432/92, għandhom ikunu rifjutati applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' importazzjoni għall-prodotti li joriġinaw fis-Serbja jew il-Montenegro.

Artikolu 3

1. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 30 tar-Regolament (KEE) Nru 3013/89.

2. Ir-regoli dettaljati għandhom jikkonċernaw partikolarment:

- (a) il-ħruġ ta' liċenzji ta' importazzjoni fuq il-bażi tal-kriterju msemmi fl-Artikolu 2(3) u, fejn meħtieġ, l-adozzjoni ta' regoli fuq l-oriġini tal-prodotti konċernati;
- (b) is-sospensjoni għall-bqija tas-sena ta' importazzjonijiet li joriġinaw fid-diversi Repubbliki jekk matul dak il-perjodu:
 - l-importazzjonijiet li joriġinaw fid-diversi Repubbliki jaqbżu l-kwantitajiet msemmija fil-Ftehim ta' l-1981, jew
 - l-importazzjonijiet ta' monitoraġġ minn waħda minn daww ir-Repubbliki jaqbżu l-kwantitajiet li joħorġu mid-distribuzzjoni ġusta msemmija fl-Artikolu 2(3);

- (c) il-monitoraġġ, fuq il-bażi tal-prezz medju ta' kull xahar, tal-prezzijiet li bihom karkassi tal-ħaruf u annimali ħajjin li joriġinaw fir-Repubbliki msemmija f'dan ir-Regolament huma importati f'kull Stat Membru;
- (d) jistgħu jsiru l-garanziji ta' l-oriġini li jingħataw mid-diversi Repubbliki qabel l-applikazzjoni għal-liċenzi ta' importazzjoni, msemmija fl-Artikolu 2(2);
- (e) id-determinazzjoni tal-miżuri li għandhom jittieħdu, jekk meħtieġ, fil-każijiet fejn waqgħa fil-prezzijiet tal-karkassi tal-ħaruf u/jew annimali ħajjin importati mir-Repubbliki hija osservata fi Stat Membru u hija indikattiva ta' problema;
- (f) il-miżuri temporanji meħtieġa biex tkun faċilitata l-introduzzjoni ta' arranġamenti ta' l-importazzjoni pprovduti f'dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fis-26 ta' Ottubru 1992.

Għall-Kunsill

Il-President

J. GUMMER